# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Ir-IV Ħadd tal-Avvent

Sena B

**Introduzzjoni**

Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tar-Raba' Ħadd tal-Avvent. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tgħidilna li l-miġja tal-Iben t'Alla fostna bħala bniedem salvatna u eventwalment trid twassalna għall-Ħajja ta' Dejjem.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (2 Sam 7, 1-5.8b-12.14a.16)
Alla jinqeda permezz tal-profeta Natan sabiex iwiegħed ġens kbir lis-sultan David.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 89 (89), 2-5.27.29)
It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.

**It-Tieni Qari** (Rum16, 25-27)
Dak kollu li kien moħbi, Alla wrieh lilna permezz ta' Ibnu.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Lq 1, 26-38)
It-tnissil ta' Ġesù Kristu tassew ġab il-fidwa fost il-bnedmin għax kien b'dan il-mod li Alla ingħaqqad mal-bnedmin.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
F'dan il-mument ejjew noffru l-esperjenzi u l-ħidmiet kollha tagħna lil Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
L-għixien tal-fidi jitlob tama sħiħa fil-qawwa ta' Alla. Din il-qawwa nirċevuha fit-Tqarbin.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.